# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta’ Lulju 2021**

**Rikors Numru 125/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta plc**
**(C 3177)**

**Vs**

**Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil nominati Kuraturi deputati ai termini ta’ digriet datat 23 ta’ Settembru 2020, sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta’ Maneri Filippo (ID 52694A)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta’ Frar 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi l-Bank rikorrenti kienet ikkonċediet faċilita' ta' self lill-mibki Filippo Maneri permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Abela datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank rikorrenti u datata tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010);*

   2. *Illi s-somma mislufa kienet tammonta għal mija u erbat elef u sitt mija u tmienja u għoxrin Ewro (€104,628) u l-mibki Filippo Maneri kien*

*beda jagħmel pagamenti mensili skont l-istess Sanction Letter sakemm minn Jannar tas-sena 2014 sal-lum, l-intimat m'għamel l-ebda pagament ieħor;*

3. *Illi hu magħruf lill-bank illi għal ħabta ta' Frar tas-sena 2017, l-intimat Maneri ġie nieqes f'inċident stradali ġewwa l-Italja;*

4. *Illi minkejja l-interpellanzi tas-soċjeta' attriċi sabiex l-arretrati fuq il-kont preċitat jiġu indirizzati, wkoll permezz ta' ittra interpellatorja tal-2013 u ittra ufficjali 2788/2019, huwa baqa' inadempjenti, b'dan li l-ammont fl-intier tiegħu ġie dovut;*

5. *Illi l-bilanċ li għandu jħallas l-eredi tal-mibki Filippo Maneri huwa ta' erbgħa u disgħin elf, erba' mija u sbatax-il Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€94,417.63), rappreżentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tlett Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€27,803.29) rappreżentanti interessi li ddekorrew sat-3 ta' Frar 2020 u dana kif jirriżulta mill-anness statement of account;*

6. *Illi għalhekk l-intimati għandhom iħallsu lill-bank rikorrenti, is-somma kumplessiva ta' mija u tnejn u għoxrin elf, mitejn u għoxrin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€122,220.92) in kwantu kapital u imgħaxijiet ikkalkulati sat-3 ta' Frar 2020 u dan b'riżerva għal dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mill-4 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħidu l-intimati, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1) *Tiddikjara li l-intimati għandhom jagħtu lill-bank rikorrenti s-somma ta' mija u tnejn u għoxrin elf, mitejn u għoxrin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€122,220.92), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mill-4 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

2) *Tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta plc is-somma ta' mija u tnejn u għoxrin elf, mitejn u għoxrin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€122,220.92), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mill-4 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra ufficjali surreferita u bl-imgħaxijiet legali dekorribli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-23 ta' Settembru 2020, fuq talba tas-soċjeta' rikorrenti, l-Qorti għaddiet biex appuntat bħala Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa

ta' Filippo Maneri lil Dr Charmaine Cherrett u l-PL Jean Pierre Busuttil, ġia nominati fid-9 ta' Settembru 2019 biex jidhru għall-eredi mhux magħrufa ta' Filippo Maneri fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru 2788/2019.

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati Dr Charmaine Cherrett u l-PL Jean Pierre Busuttil ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2020, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

    1. *Illi l-esponenti għadhom ma humiex edotti mill-fatti;*

    2. *Illi l-esponenti jirriservaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxielhom ikunu edotti mill-fatti.*

    *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

    *Bl-ispejjeż.*

4. Rat illi fit-12 ta' Novembru 2020 il-kawża tħalliet għall-provi.

5. Rat l-affidavit ta' Sina Ebejer, rappreżentanta tad-Dipartiment ta' Recoveries fi ħdan is-soċjeta' rikorrenti, li kkonfermaw illi l-ammont dovut kien misluf bħala 'Home Loan' sabiex jiġi akkwistat il-fond ossija Flat Nru 6, formanti parti minn blokka bla numru, ġewwa Triq Sliema, Gżira, fejn ikkonfermat ukoll illi l-aħħar pagament sar f'Jannar 2014 u fadal bilanċ ta' €94,417.63 fejn jirrigwarda kapital u €35,314.74 fejn jirrigwarda imgħax sas-26 ta' Jannar 2021.

6. Rat illi fit-28 ta' Jannar 2021 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

7. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2021, il-Kuratur Deputat għarrfet il-Qorti illi xtaqet aktar informazzjoni mingħand il-Bank dwar mezz ta' komunikazzjoni mal-eredi ta' Filippo Maneri, w il-Qorti ordnat lill-Bank rikorrenti jgħaddi l-informazzjoni li għandha fil-pussess tagħha.

8. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021, il-Kuratur Deputat għarrfet lill-Qorti illi ppruvat tikkomunika mal-eredi fl-indirizz lilha pprovdut mil-Bank rikorrent, iżda baqgħet bla risposta.

9. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021, il-Kuratur Deputat għarrfet lill-Qorti illi, in vista ta' tali assenza ta' komunikazzjoni, hija ma kellhiex provi x'tippreżenta.

10. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021 il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

11. Rat illi fit-8 ta' Lulju 2021 il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

12. Rat illi ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba rikorrenti kif dedotta ma għandhiex tintlaqa' stante illi jirriżulta ppruvat illi l-istess soċjeta' rikorrenti kienet ipprovdiet faċilita' bankarja li l-mejjet Filippo Maneri waqaf iħallas sa minn Jannar 2014.

**KONKLUŻJONI**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati;

**Tilqa'** t-talba attriċi, u għalhekk:

**Tiddikjara** li l-eredi mhux magħrufa ta' Filippo Maneri, kif rappreżentanti mill-Kuraturi Deputati, għandhom jagħtu lill-bank rikorrenti is-somma ta' erbgħa u disgħin elf, erba' mija u sbatax-il Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€94,417.63), rappreżentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tlett Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€27,803.29) rappreżentanti interessi li ddekorrew sat-3 ta' Frar 2020, li jagħmlu total ta' mija u tnejn u għoxrin elf, mitejn u għoxrin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€122,220.92), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mill-4 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv fuq il-kapital.

**Tikkundanna** lill-eredi mhux magħrufa ta' Filippo Maneri, kif rappreżentanti mill-Kuraturi Deputati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti HSBC Bank Malta plc is-somma ta' erbgħa u disgħin elf, erba' mija u sbatax-il Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€94,417.63), rappreżentanti l-kapital, kif ukoll l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tliet Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€27,803.29) rappreżentanti interessi li ddekorrew sat-3 ta' Frar 2020, li jagħmlu total ta' mija u tnejn u għoxrin elf, mitejn u għoxrin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€122,220.92), u dana oltre l-imgħaxijiet legali mill-4 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv fuq il-kapital.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali 2788/2019, a kariku ta' l-eredi mhux magħrufa kif rappreżentanti mill-Kuraturi Deputati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**